C/2025/4103

24.7.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-23 ta' Lulju 2025

## dwar il-festi pubbliċi fl-2026 għall-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea li jservu fi Brussell u l-Lussemburgu

(C/2025/4103)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS, Conditions of Employment of Other Servants), stabbiliti permezz tar-Regolament tal-Kunsill ([1]) (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68, u b'mod partikolari l-Artikolu 61 tar-Regolament tal-Persunal u l-Artikoli 16 u 91 tas-CEOS,

Wara li kkunsidrat ir-regolamentazzjoni komuni li tistabbilixxi l-lista ta' festi pubbliċi tal-uffiċjali tal-Komunità Ewropea ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3),

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat tal-Persunal,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kapijiet ta' Amministrazzjoni,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 61 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 16 u 91 tas-CEOS, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-lista tal-festi pubbliċi għas-sena 2026 mogħtija lill-uffiċjali u lill-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea impjegati fi Brussell u l-Lussemburgu.

(2) Fl-2026, Ħadd il-Għid ġej fil-5 ta' April.

(3) Fl-2026, l-24 ta' Diċembru se jkun il-Ħamis.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Il-festi pubbliċi fl-2026 mogħtija lill-uffiċjali u impjegati oħra impjegati fi Brussell u l-Lussemburgu, huma stabbiliti kif ġej:

| | |
|---|---|
| L-1 ta' Jannar | L-Ewwel tas-Sena |
| It-2 ta' Jannar | L-għada tal-Ewwel tas-Sena |
| It-2 ta' April | Ħamis ix-Xirka |
| It-3 ta' April | Il-Ġimgħa l-Kbira |
| Is-6 ta' April | It-Tnejn ta' wara l-Għid |
| L-1 ta' Mejju | Jum il-Ħaddiem |
| L-14 ta' Mejju | Il-Ħamis nhar Lapsi |
| Il-15 ta' Mejju | L-għada ta' Lapsi |
| Il-25 ta' Mejju | It-Tnejn, Għid il-Ħamsin |
| It-23 ta' Ġunju* | Festa Nazzjonali tal-Lussemburgu<br>*mogħtija lill-uffiċjali u impjegati oħra impjegati fil-Lussemburgu |

([1]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1968/259(1)/oj.
([2]) SEC(66) 3621.

| | |
|---|---|
| Il-21 ta' Lulju* | Festa Nazzjonali tal-Belġju<br>*mogħtija lill-uffiċjali u impjegati oħra impjegati fi Brussell |
| It-2 ta' Novembru | Jum il-Mejtin kollha |
| Mill-24 ta' Diċembru sal-<br>31 ta' Diċembru | sitt ijiem ta' tmiem is-sena |

**Total tal-2026:** **17-il jum**

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2025.

*Għall-Kummissjoni*
Piotr SERAFIN
*Membru tal-Kummissjoni*